MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 847/1992/1

**Noelle mart Ernest Cilia,**
**u li permezz ta' digriet moghti**
**fil-15 ta' Dicembru 2009**
**il-kunjom Cilia gie sostitwit bil-kunjom 'Cali'**

**v.**

**Ernest Cilia**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa appell tal-konvenut minn sentenza deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fl-20 ta' Ottubru 2010. L-appellant hassu aggravat mid-decizjoni tal-imsemmija Qorti fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-assenjazzjoni tal-proprjeta` parafernali.

Ghall-ahjar intendiment, is-sentenza appellata qed tigi riprodotta fl-intier taghha, mnejn jirrizultaw il-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni tal-attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:
"**Il-Qorti,**

"Rat l-att tac-citazzjoni li permess tieghu l-attrici, wara li ppremettiet, li z-zwieg taghha tkisser irrimedjabbilment u li l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' adulterju, eccessi, mohqrija, sevizzi, theddid u offizi gravi, u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, talbet li din il-Qorti tordna [1] is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija tal-konvenut; [2] li tigi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti; [3] u li din tigi likwidata u assenjata skont il-ligi; [4] l-applikazzjoni tal-artikoli 48 u 50 tal-Kap.16; [5] li l-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-beni dotali u parfernali taghha li jirrizultaw fil-pussess tieghu; bl-ispejjez kontra l-istess konvenut;

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa: [1] li hu ma jopponix ghas-separazzjoni personali, izda bi htija tal-attrici, ghall-istess ragunijiet dedotti minnha fil-konfront tieghu, u wkoll l-abbandun; [2] li ma topponix ghax-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, izda bl-applikazzjoni tal-artikoli precitati fil-konfront tal-attrici bhala l-parti hatja ghall-firda;

"Rat li b' il-verbal registrat mill-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu ddikjaraw li "il-provi migbura fil-kawza numru 581/1993NC fl-ismijiet inversi jigu konsidrati bhala provi migbura wkoll fil-kawza odjerna u jiffurmaw parti ntegrali minnha."[1]

[1] Vol.2 – fol.651

“Rat ir-rapporti[2] tal-perit legali l-Avukat Dottor Joseph Schembri, u r-rapport[3] tal-perit komputista Dottor Alfred Mifsud, minnhom debitament mahlufa;

“Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramenti tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, l-affidavits u d-dokumenti prezentati, u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Ikkunsidrat;

“**Azzjoni**

“Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut, bi htija ta’ dan, u ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; kif ukoll, sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni, senjatament dawk patrimojali.

“Minn naha tieghu, il-konvenut, filwaqt li ma jopponix ghat-talba ghas-separazzjoni personali, jsostni li ghal dan tahti l-attrici fit-termini tal-artikoli precitati, u l-artikolu 41 tal-istess Kap.16

“**Separazzjoni Personali**

“Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fil-11 ta’ Lulju 1987, u, wara circa tlett snin ta’ konvivenza, dawn isseparaw de facto meta l-attrici telqet mid-dar konjugali f’ Lulju 1990; sena wara, hareg ukoll il-konvenut.

“Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

“Illi in forza ta’ sentenza tat-Tribunal Regjonali tat-13 ta’ Settembru 1997, li kkonfermat id-decizjoni moghtija mit-Tribunal Metropolitan ta’ Malta fil-25 ta’ Marzu 1997, iz-

[2] Vol.2 –fols.447 *et seq*; 533 *et seq.*
[3] Vol.2 fol.533

zwieg ta' bejn il-partijiet gie dikjarat null u bla effett; u permezz ta' digiret moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Appelli Civili, d-decizjoni moghtija mit-tribunali ekklesjastici giet debitament registrata fir-Registru Pubbliku, u ghalhekk dan l-annullament ghandu effett anke civilment.

"Ghaldaqstant, stante li z-zwieg gie annullat fil-mori tal-kawza, mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tippronunzja ruhha fuq l-ewwel talba; u l-kaz irriduca ruhu ghall-vertenza dwar il-qsim tad-dar matrimonjali fil-Wardija, u l-konsistenza, u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti, inkluza l-vertenza dwar djun maghmula mill-konvenut wara s-separazzjoni de facto.

"**Dar Matrimonjali**

"Mill-provi jirrizulta pacifiku li ftit xhur qabel iz-zwieg, il-partijiet permezz ta' kuntratt ippubblikat fis-26 ta' Jannar 1987, akkwistaw, bl-ghajnuna ta' missier l-attrici, bicca art fil-Wardija, sabiex fuqha jibnu d-dar konjugali. Huwa pacifiku wkoll li fuq il-kuntratt dehru l-partijiet bhala l-akkwirenti. Id-dar kompliet tinbena wara z-zwieg, u jidher li lejn l-ahhar tal-konvivenza kienet mbniet, u kienu qed isiru l-accessorji.

"Illi, ghalhekk, kif anke osservat mill-perit legali, ma hemmx dubju li, kemm l-art kif ukoll il-bini kostruwit fuqha, huwa taz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom; izda l-perit jkompla josserva li "jkun aktar ekwu u gust li l-villa tigi assenjata lill-attrici, partikolarment ghax inxtrat mill-partijet fuq insistenza ukoll ta' missier l-attrici .. b' dan pero' li l-konvenut jiehu u jircevi dak li haqqu fi flus kontanti."[4]

"Il-konvenut ma jaqbilx ma' dan is-suggeriment tal-perit legali, u l-Qorti tikkondividi din ir-reazzjoni tal-konvenut. Il-Qorti tosserva li, kemm l-art, kif ukoll il-binja, f' ghajnejn il-ligi, huma taz-zewg partijiet fi kwoti wgwali, u, ma hemmx cirkostanzi li jirrendu applikabbli l-artikolu 55A, stante li l-konvivenza matrimonjali kienet wahda qasira u l-partijiet m'ghandhomx tfal; u allura, fil-fehema tal-Qorti, fl-assenza

[4] Vol.2 – fol.537

ta’ cirkustanzi li juru l-kuntrarju, huwa legali u gust li din il-proprjeta’ tinbiegh, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

“Ghaldaqstant il-Qorti tordna li d-dar f’ tal-Wardija, mibnija fuq art akkwistata mill-partijiet kif fuq indikat, u li, skont l-istess partijiet ghandha valur ta’ miljun u mitt elf ewro [€1,100,000][5] tinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sitt xhur, ghall-prezz mhux inferjuri ghal dan l-ammont, u fin-nuqqas, tinbiegh taht l-awtorita’ tal-Qorti, bl-istess kondizzjoni; u r-rikavat, wara li jinqatghu minnu d-djun gravanti l-istess fond, jigi diviz bejn il-partijiet fi kwoti wgwali, sabiex porzjon jigi moghti lill-attrici; u porzjon iehor, wara li jinqata’ minnu dak dovut lill-attrici kif stabbilit minn din il-qorti aktar ‘il quddiem fis-sezzjoni ntestata “[2] Effetti Mobbli”, jigi assenjat lill-konvenut.

“Tordna wkoll li, sakemm tinbiegh id-dar, din tibqa’ vakanti, izda z-zewg partijiet ikollhom access ghaliha.

“**Komunjoni tal-Akkwisti**

“Illi, apparti mill-imsemmija proprjeta’, li parti minnha tifforma parti mill-assi tal-komunjoni, il-partijiet ghandhom diversi effetti mobbli, u anke djun li, parti minnu, sar wara li s-separazzjoni de facto.

“Dan kien kamp ta’ kontestazzjoni qawwija bejn il-partijiet, b’ mod li nhasset il-htiega li jigi nominat espert komputista biex jirrelata dwar il-konsistenza ta’ dawn l-assi. Il-perit komputista pprezenta r-relazzjoni tieghu fis-6 ta’ Settembru 1997, u, ghalkemm sussegwentement saru noti mill-partijiet, ma saritx talba ghan-nomina ta’ periti perizjuri,

“Ghalhekk, din il-Qorti, fl-assenza ta’ cirkostanzi li manifestament juru l-kuntrarju, tikkondividi l-linja li ha l-perit legali fis-sens li l-konkluzjoni teknika ta’ dan l-espert ma tigix disturbata, u ghalhekk qed tigi addottata minn din il-Qorti.

[5] Vol.2 – fol.615

"*[1] <u>Effetti Mobbli</u>*

"Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali, dwar il-qsim u l-assenjazzjoni tal-karrozza, tad-dghajsa, tac-curkett tal-gherusija, u oggetti ohra inkluzi s-sufan u l-accessorji tal-kmamar tal-banju.

"Ghalhekk, filwaqt li taghmel referenza ghall-paragrafu 15[6] tal-istess relazzjoni u taddottah, tordna li l-imsemmija oggetti, salv ghac-curkett tal-gherusija, jibqghu fil-pussess tal-konvenut li minn naha tieghu ghandu jghati lill-attrici s-somma ta' €26,089 [ekwivalenti ghal LM11,200]. Ic-curkett tal-gherusija ghandu jibqa' ghand l-attrici.

"Illi rigward l-gjojellerija u effetti mobbli ohra, fil-pussess tal-konvenut, u li jinsabu elenkati mill-attrici fil-lista prezentata minnha, u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti minnu [Appendici A],[7] il-Qorti tordna [1] li l-konvenut jirritorna lill-attrici l-oggetti parafernali taghha ndikati fil-lista "A", u fin-nuqqas, ihallas il-valuri taghhom, kif indikati f' din l-istess lista; [2] li l-oggetti ndikati fil-listi "B" "C" u "D" jigu divizi wgwalment bejn il-partijiet, u fin-nuqqas, il-konvenut jhallas lill-attrici nofs il-valur taghhom.

"Illi <u>r-rigali tat-tieg</u>, fil-pussess tal-attrici ghandhom jinqassmu kif suggerit mill-perit legali, u cioe dawk li nghataw mill-membri tal-familja tal-konvenut ghandhom imorru ghand il-konvenut, filwaqt li dawk ricevuti minn naha tal-familja tal-attrici ghandhom jibqghu ghand l-attrici. Ir-rigali li nghataw mill-hbieb u mistidnien l-ohra ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

"Il-Qorti tordna li l-qsim u l-assenjazzjoni tal-effetti mobbli <u>kollha</u> kif ndikati u stabbilit f' din is-sezzjoni ntestata "[1] Effetti Mobbli", ghandu jgi effetwat biss, <u>wara</u> li l-attrici tipprezenta lista guramentata tar-rigali mizmuma minnha, u li ghadha ma gietx prezentata fl-atti.

---

[6] Vol.2 – fol.537
[7] Vol.1 – fol.378

"*[2] <u>Self – LM57,700</u>*

"Illi l-perit komputista, fl-esekuzzjoni tal-inkariku tieghu, wara li ha konjizzjoni tal-atti u senjatament dak prodott mill-partijiet, ikkonkluda li "hemm madwar LM51,000 flus li wiehed jrid jispjega fejn huma. Nhoss li l-obbligu ta' din l-ispjega huwa fuq Ernest [il-konvenut] ghax dan l-izbilanc huwa nterament kompost minn dejn ta' LM57,700 li Ernest ghamel wara s-separazzjoni ma' nies qrib tieghu bla ma hemm rabta cara ta' kif gew applikati dawn il-flus."[8] Fi kliem iehor, wara s-separazzjoni de facto, il-konvenut dahal fi djun fl-ammont komplessiv ta' LM57,700 li ma tax spjegazzjoni sostnuta bi provi, kif kellu l-oneru li jaghmel, ta' kif gew applikati dawn il-flejjes ta' entita' sostanzjali.

"Il-Qorti zzid tosserva li, ghalkemm il-konvenut jirreferi ghall-iskritturi privati li jipprovaw dan id-dejn, mill-atti ma jirrizultax li dawn gew ezebiti; izda fl-affidavit spjegattiv taghha l-attrici tati elenku ta' dawn id-djun, li fih identifikat il-kredituri u l-ammonti rispettivi.[9] In propozitu tghid li l-konvenut "waqt attentat bejnietna ghal separazzjoni bi ftehim bonarju, ipprezenta skritturi privati li jghidu li, wara li ma bqajniex flimkien, kiseb f' idejh LM55,700" rapprezentanti ammonti ta' self minn kredituri hemm indikati, u li mas-self ta' LM2,000, jwasslu ghas-somma ta' LM57,000. Mill-provi jidher car li l-attrici ma kinitx taf b' dan is-self.

"Il-Qorti tosserva li, ghalkemm meta l-konvenut issellef dawn il-flus, il-komunjoni tal-akkwisti kienet ghadha vigenti, izda dan isself sar wara s-separazzjoni de facto, u b' izjed emfasi jinghad li l-konvenut naqas li jipprova li dawn il-flus gew applikati ghall-beneficju tal-komunjoni biex legalment jikkwalifikaw bhala djun tal-komunjoni fit-termini tal-artikolu 1327 tal-Kap.16.

"Jigi osservat li, gjaladarba d-djun gew kuntrattati ad insaputa tal-attrici, allura huwa l-oneru tal-konvenut li

---

[8] Vol.2 – fol.482
[9] Vol.1 – fol. 368 – para.6

jipprova li dawn jinkwadraw fit-termini tal-artikolu precitat, u cioe' li huma djun li jaggravaw il-komunjoni; f' dan ir-rigward il-konvenut kien manifestament mankanti.

"Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li dan id-dejn m' ghandux jitqies bhala dejn tal-komunjoni, izda dejn li dahal ghalih il-konvenut wahdu, u li wahdu ghandu jghamel tajjeb ghalih fl-intier tieghu.

"*[3] <u>Djun kanonizzati b' Sentenzi</u>*
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-lista kontenuta fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut, u senjatament fil-paragrafu 18[10], u ghan-nota responsiva tal-attrici, u ser titratta dawn id-djun serjatim:

"[a] Illi rigward l-ammont ta' €10,687 [ekwivalenti ghal LM4,588] kanonizzat b' sentenza[11] moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Marzu 2000, flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza, dovut mill-konvenut lil Carmel sive Lino Spiteri, f' ismu u f' isem is-socjeta' Futures Limited, u li jirrapprezenta in parte kumpens ghall-okkupazzjoni abuziva da parti tal-konvenut tal-fond 'Gnien il-Ghabex' fir-Rabat, proprjeta' tal-imsemmi, u in parte kontijiet tal-konsum tad-dawl u ilma u telefons maghmula fil-perijodu li l-konvenut kien jokkupa dan il-fond wara s-separazzjoni de facto; il-Qorti tosserva li f' dak iz-zmien tas-separazzjoni din id-dar kienet qeda tintuza bhala d-dar konjugali tal-partijiet li kellhom l-facilita' li juzaw anke l-utilitajiet fl-imsemmi fond, u, ghalhekk il-fatt li l-attrici telqet minn din id-dar, ma jezonerahiex milli thallas s-sehem taghha minn dan l-ammont, liema ammont, flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza, ghandu jitqies bhala dejn tal-komunjoni, stante li huwa relattiv ghal fond li f' dak iz-zmien kien qed jintuza mill-partijiet bhala d-dar konjugali; ghalhekk tordna li dan id-dejn jigi sopportati miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali;

"[b] Illi rigward l-ammont ta' €18,525 (ekwivalenti ghal LM7,952.81) rapprezentanti debitu tal-konvenut lill-Bank

---

[10] Vol.2 – fols..627-628
[11] Vol.2 – fols.423 *et seq.*

of Valletta kanonizzat b' sentenza[12] moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta' Frar 1995, liema debitu jidher, mill-istess sentenza, li jirrizali ghall-Ottubru 1992, meta allura l-partijiet diga' kienu ilhom sentejn separati, il-Qorti tosserva li ma hemmx prova li dan id-debitu kien gie kontrattat fl-interess tal-komunjoni tal-akkwisti, jew li jinkwadra fl-artikolu 1327 fuq citat.

"Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi li dan l-ammont ma jistaqx jitqies bhala dejn tal-komunjoni tal-akkwisti;

"[c] Illi rigward l-ammont ta' LM1,492.18 rapprezentanti bilanc ta' overdraft fuq isem il-konvenut mal-Bank of Valletta, u kanonizzat b' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-4 ta' Ottubru 2002, il-Qorti qalet li z-zewg partijiet [konjugi Cilia] kien responsabbli ghall-hlas ta' din is-somma, filwaqt li osservat li "F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jigi eskluz li l-konvenuta kienet taf b' din il-facilita', anke in vista tal-fatt li din l-istess facilita' giet estiza wara z-zwieg appuntu biex isiru xi xogholijiet fid-dar konjugali."[13]

"Ghaldaqstant ghandu jirrizulta car li dan id-debitu, flimkien ma' l-ispejjez tal-kawza, ghandu jitqies bhala dejn tal-komunjoni, u ghalhekk ghandu jigi sopportat ugwalment miz-zewg partijiet.

"[d] Illi rigward l-ammont ta' €23,294 ( ekwivalenti ghal LM10,000)[14] self maghmul mill-konvenut minghand il-konjugi Micallef, il-Qorti tosserva li dan id-dejn huwa nkluz fis-somma ta' €132,774 [ekwivalenti ghal LM57,000] fuq indikata li din il-Qorti diga' ddecidiet dwarha;

"[e] Illi rigward is-somma ta' €24,973.17 li jidher li tirrapprezenta somma, imghaxijiet u spejjez dovuti mill-konvenut lill-Lombard Bank, liema debitu principali kien gie kanonizzat fis-sentenza moghtija mit-2 ta' Lulju 1993, il-"Qorti tosserva li l-konvenut la ta spjegazzjoni ta' dan id-debitu, u lanqas ipprezenta s-sentenza minnu citata, izda

---

[12] Vol.2 – fols.433 *et seq.*

[13] Vol.2 – fol.442

[14] Vol.1 – fol.368 – elenku prezentat mill-attrici

minnflok ezebixxa is-sentenza moghtija fid-9 ta' Lulju 2009 li semplicement awtorizzat l-ezekuzzjoni tal-imsemmija sentenza.

"Minn naha taghha l-attrici tat spjegazzjoni dwar dan id-dejn, li hi fis-sens li, filwaqt li l-konvenut naqas li jhallas id-dejn garantit minn missier l-attrici, l-art li giet akkwistata bl-imsemmi dejn inbieghet mill-konvenut u zamm il-flus ghalih, filwaqt "li l-attrici ma messha xejn minn dak id-dhul, huwa [ghalhekk] il-konvenut wahdu li ghandu jbati dan id-dejn."

"Jidher li dan id-dejn hu dak li rreferiet ghalih l-attrici fl-affidavit[15] taghha tal-11 ta' Ottubru 1995 fejn fil-paragrafu hamsa [5] ikkonfermat li, filwaqt li l-konvenut kien dahhal is-somma ta' €12,812 [ekwivalenti ghal LM5,500] bhala sehemu mit-trasferiment tal-art, hu zammha ghalih filwaqt li lil bank ma hallsux.

"Ghalhekk dan id-debitu ndikat fl-imsemmija sentenza ghandu jkun kollu a kariku tal-konvenut, inkluzi l-ispejjez gudizzjarji.

"**Decide**

"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar billi:
"[1] tastjeni milli tiddeciedi dwar l-ewwel talba, stante li z-zwieg gie annullat fil-mori tal-kawza;
"[2] tastjeni milli tiddeciedi dwar it-tieni talba, ghall-istess raguni;
"[3] tilqa' it-tielet talba;
"[4] tilqa' ir-raba u l-hames talba; u, filwaqt li tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha fis-sens fuq stabbilit u ordnat that is-sezzjonijiet intestati 'Dar Matrimonjali' u 'Komunjoni tal-Akkwisti';

"Spejjez bla taxxa."

**<u>L-appell tal-konvenut</u>**

[15] Vol.1 fol.368

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza sudetta u interpona minnha appell fuq is-segwenti aggravji:-

1. Illi l-ewwel Qorti ma kellhiex taccetta l-prezzijiet tal-oggetti parafernali li ghamlet l-attrici minghajr ma tobbliga lill-istess attrici tissostanzja l-istess prezzijiet b'ricevuti jew stimi ta' nies professjonali.

2. Illi fir-rigward tal-ordni tal-bejgh tad-dar matrimonjali, huwa ma jaqbilx li din ghandha tinbiegh fi zmien sitt xhur peress li s-suq prezenti mhux tajjeb u ghalhekk jidhirlu li tali terminu ghandu jitwal.

3. (i) Illi fir-rigward tal-mobbli, l-appellant jirritjeni illi l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-valur attwali u m'ghamlet l-ebda kalkulazzjoni tad-deprezzament tal-istess oggetti. Inoltre l-appellant jilmenta illi l-Qorti ma setghet qatt taccetta prezzijiet minn wahda mill-partijiet fil-kawza biss.

Illi l-konvenut jilmenta wkoll mill-fatt illi l-ewwel Qorti ordnatlu jhallas nofs il-valur tal-hwejjeg personali tal-attrici indikati f'Lista B a fol. 484 unita mas-sentenza u dan peress li kienet l-istess attrici li halliet l-istess effetti personali taghha fid-dar tal-genituri taghha gol-Landrijiet, limiti tar-Rabat fejn kienu qed jabitaw il-partijiet, liema affarijiet hu halla warajh wara li vvaka l-istess fond.

(ii) Jilmenta wkoll mill-fatt illi fir-rigward tal-Lista "E" a fol. 486 unita mas-sentenza huwa gie erronejament ikkundannat ihallas lill-attrici l-prezz shih taghhom, meta fl-aghar ipotezi huwa ghandu nofshom.

(iii) Fir-rigward tal-accessorji tal-kamra tal-banju, l-istess kienu nsterqu meta l-esponent kien imsiefer u kienet l-istess attrici jew missierha li ghamlu rapport lill-Pulizija.

(iv) Fir-rigward tar-rigali tal-gherusija, dawn kienu fil-pussess tal-attrici li giet ordnata mill-Qorti tesebixxi lista taghhom, haga li sal-prezentata ta' dan l-appell il-konvenut jghid li kienet ghadha m'ghamlitiex u ghalhekk l-

ewwel Qorti kellha taghti dawk ir-rimedji f'kaz li l-attrici tonqos milli taghmel dak lilha ordnat.

4. Jilmenta wkoll mill-fatt illi l-ewwel Qorti applikat erronjament il-ligi fejn jidhlu djun tal-komunjoni tal-akkwisti stante li fiz-zmien taz-zwieg taghhom, kienet ghadha vigenti l-ligi fejn ir-ragel seta' jiffirma wahdu kuntratti u jorbot il-komunjoni tal-akkwisti bi djun. Huwa jsostni illi huwa kellu necessarjament jiehu *loans* b'self privat minghand membri tal-familja tieghu, liema *loans* marru kollha biex jithallsu spejjez pendenti relatati mad-dar matrimonjali u ghalhekk ma ghamel l-ebda gwadan minnhom.

5. L-appellant hassu aggravat ukoll illi certi djun ma gewx kunsidrati mill-ewwel Qorti li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u jelenka r-ragunijiet tieghu ghal tali aggravju.

**<u>Ir-risposta tal-attrici</u>**

L-attrici rrispondiet l-aggravji tal-konvenut billi ssottomettiet illi fir-rigward tal-valutazzjoni tal-oggetti parafernali, il-konvenut ghandu l-ghazla li jirritornahom in materja u ghalhekk il-valutazzjoni taghhom ma taghmilx differenza. Madankollu jekk hu mhux f'posizzjoni li jirritornahom, huwa kellu kull opportunita` li jikkontesta jew igib prova kuntrarja ghall-valuri moghtija minnha. Hija ssostni li jekk din il-Qorti tbaxxi l-prezzijiet moghtija minnha, l-konvenut ikun se jiggwadanja mill-mala fede tieghu stess stante li l-konvenut approprja ruhu mill-istess oggetti cirka sentejn qabel ma hija fethet din il-kawza u ghalhekk jekk il-konvenut iddispona minnhom dak iz-zmien il-prezz indikat minnha kien certament wiehed reali.

Illi dwar l-aggravju tat-terminu prefiss mill-ewwel Qorti ghall-bejgh tad-dar matrimonjali, l-attrici tishaq li din hi kwistjoni fid-diskrezzjoni tal-Qorti u li r-raguni ghall-aggravju tieghu hija wahda legalment u fattwalment mhux gustifikata.

Illi fir-rigward tat-tielet aggravju, l-attrici tishaq illi fir-rigward tal-prezzijiet moghtija minnha lill-oggetti li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, il-konvenut kellu kull opportunita` jikkontestahom u illi dawn l-oggetti jinkludu hafna oggetti tad-deheb u djamanti li l-probabilita` hija li zdiedu fil-valur taghhom u mhux naqsu.

Fir-rigward tal-vettura u tad-dghajsa l-attrici tissottometti li l-valuri moghtija minnha huma reali u li inoltre l-konvenut qatt ma kkontesta l-istess valuri.

Fir-rigward tal-effetti personali li l-attrici halliet gewwa d-dar tal-ġenituri taghha fir-Rabat, hija tirrileva illi l-konvenut kien baqa' jghix wahdu fl-istess fond minn fejn eventwalment gie zgumbrat permezz ta' sentenza intavolata minn missierha.

Fir-rigward tal-oggetti tal-kamra tal-banju, l-attrici ssostni li dawn mhux veru nsterqu u ghalkemm l-konvenut isemmi li sar rapport sahanistra lill-Pulizija, dan assolutament mhux minnu.

Fir-rigward tar-rigali tat-tieg, l-attrici ssostni li l-istess aggravju mhux gustifikat stante li pprezentat il-lista tal-istess rigali kif ordnata mill-ewwel Qorti.

Illi fir-rigward tar-raba' aggravju u cioe` jekk id-djun ta' Lm57,700 jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew huma parafernali, l-attrici ssostni li s-self in kwistjoni sar wara s-separazzjoni *de facto* u allura zgur fiz-zmien meta kien rikjest il-kunsens tal-mara ghal kwalunkwe dejn li seta' jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti. Fir-rigward tar-raguni ta' dan is-self, l-attrici ssostni li l-konvenut ma ppruvax illi dawn il-flus intuzaw in relazzjoni mal-komunjoni tal-akkwisti.

Illi fir-rigward tal-hames aggravju u cioe` fuq il-fatt li l-ewwel Qorti iddecidiet li tlett idjun kanonizzati b'sentenzi civili ma jiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti, l-attrici ssostni li l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha u dan ghas-segwenti ragunijiet u cioe`:-

i. Fir-rigward tad-dejn dovut lill-Bank Of Valletta l-konvenut ma gabx prova li l-istess flus uzahom ghall-gid tal-komunjoni tal-akkwisti, apparti li tali self ittiehed wara s-separazzjoni *de facto;*

ii. Fir-rigward tad-dejn dovut lill-konjugi Micallef, tali self kien wiehed privat u personali ghall-konvenut;

iii. Fir-rigward tad-dejn dovut lill-Lombard Bank, tali self sar lill-konvenut biex jixtri bicca art li sussegwentement biegh u minflok hallas l-istess dejn, huwa ghazel li jzomm il-flus tal-bejgh minghajr ma ta xejn lill-attrici.

iv. Fir-rigward tad-dejn mal-HSBC Bank (Malta) plc, fejn il-konvenut qieghed jitlob li l-attrici thallas nofs l-allegati bilanci li huwa hallas *pendente lite*, l-attrici tirrileva illi fir-rigward tad-debitu ta’ Lm1492.18c ma kienu thallsu l-ebda pagamenti tant li l-kont baqa’ jizdied fid-dejn.

Illi finalment l-attrici tirrileva wkoll illi d-debitu ta’ Lm4,588 li gie kanonizzat b’sentenza tal-prim’ awla tal-Qorti Civili fi proceduri mibdija kontra l-konvenut minn Lino Spiteri *pro et noe*, u li l-ewwel Qorti akkollat liz-zewg partijiet, fil-verita` kellu jithallas biss mill-konvenut stante li sar wara s-separazzjoni *de facto*. Pero` l-attrici tirrileva li peress li ma thossx li ghandha tiddilunga din il-kawza iktar milli ilha ghaddejja, u zzid l-ispejjez inutilment, kienet sejra toqghod lura milli tintavola appell incidentali.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn fil-mori tal-proceduri il-partijiet ottenew sentenza ta’ annullament mit-Tribunal Metropolitan ta’ Malta kif sussegwentement konfermata mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza[16] u ghalhekk kien fadal li tinghatha decizjoni specjalment fuq l-aspett patrimonjali taghha. Fil-fatt l-aggravji kollha ta’ dan l-

[16] Ara fol 569 et seq

appell jikkoncentraw fuq x'kellu u x'ma kellux jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll dwar il-valuri li nghataw ghadd ta' oggetti parafernali u komuni tal-partijiet.

Illi kien sar verbal registrat mill-partijiet f'din il-kawza fl-udjenza tad-9 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu ddikjaraw li "l-provi migbura fil-kawza numru 581/93NC fl-ismijiet inversi jigi konsidrati bhala provi migbura wkoll fil-kawza odjerna u jiffurmaw parti integrali minnha" (Vol. 2 fol. 651).

Illi kif inghad minn din il-Qorti diversi drabi, "*bhala linea ta' massima, din il-Qorti ta' revizjoni generalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Qorti tal-prim istanza. Madanakollu, jekk din il-Qorti jkun jidhrilha li tali apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti jkun talment zbaljat li jekk tali apprezzament jithalla jibqa' in vigore, tkun sejra ssir ingustizzja manifesta lil xi parti, allura f'dan il-kaz din il-Qorti, fl-interess tal-gustizzja sostanzjali, ghandha d-dover li ma toqghodx lura u ghandha tipprocedi biex taghmel il-valutazzjoni taghha u cioe` l-valutazzjoni korretta tal-provi akkwiziti fil-process*".[17]

Inoltre jigi rilevat li f'din il-kawza, apparti perit legali, gie nominat espert komputista biex jirrelata dwar il-konsistenza tal-assi. Kif osservat l-ewwel Qorti ghalkemm saru noti mill-partijiet wara l-prezentata tar-relazzjoni, ma saritx talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali.

Illi stante li l-aggravji tal-appellant jikkoncernaw principalment apprezzament ta' fatti, din il-Qorti necessarjament fliet l-atti processwali kollha u sejra titratta l-aggravji tal-appellant skont kif gew elenkati minnu stess u cioe`:-

## A Proprjeta` Parafernali

[17] App. Cassone v. Calamatta 29 ta' Frar 2008. para. 17.

Illi permezz tad-decizjoni taghha l-ewwel Qorti annettiet mas-sentenza Lista "A"[18] li fiha tinkludi elenku tal-oggetti parafernali mobbli tal-attrici bil-valur taghhom moghti mill-istess attrici. Illi l-appellant jilmenta mill-fatt illi din il-lista ma kellhiex tigi accettata mill-ewwel Qorti minghajr ma tobbliga lill-istess appellata tissostanjza l-valuri moghtija b'ricevuti jew stimi ta' professjonisti jew Periti tal-Qorti li setghu taw il-valur attwali.

Din il-Qorti tosserva illi ma kien hemm xejn x'jostakola lill-appellant, kieku verament ried jikkontesta l-valuri moghtija minn martu ghall-istess oggetti. Tali lista giet esebita fit-**30 ta' Gunju 2003**[19] u ghalhekk certament l-appellant kellu kull opportunita` jesigi l-ezercizzju li qieghed jippretendi lil din il-Qorti taghmel wara li hu baqa' ma ccaqlaqx ghal seba' snin shah u kien biss fin-nota ta' kritika ghar-rapport peritali li l-ewwel darba ghamel dan l-ilment.

Il-Qorti hija tal-fehma illi, la darba l-appellant kien jaf bil-valuri moghtija mill-appellata u ghazel li ma jikkontradixxihomx, ma jistax f'dan l-istadju jipprova jwaqqa' tali prova. Dan apparti l-fatt li l-imsemmija lista hija fformata minn oggetti ta' deheb u hagar prezzjuz li l-probbabbilita` kbira hija li llum-il gurnata dawn jiswew iktar mill-prezz li inizjalment gew mixtrija jew mill-prezz ta' meta saret l-istess lista mill-appellata.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

**B. Id-Dar Matrimonjali**

Fir-rigward tad-dar matrimonjali, l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt illi skont hu t-terminu ta' sitt xhur li fih l-ewwel Qorti ordnat il-bejgh fis-suq hieles tal-istess dar, huwa wiehed qasir hafna. Ir-raguni ghal tali aggravju hija illi s-suq tal-bini ghaddej minn zmien hazin. Din il-Qorti tinnota illi fl-istess nifs l-appellant jissottometti li xi ftit taz-zmien ilu l-partijiet kellhom offerta ghax-xiri tal-istess fond

---

[18] Fol. 484.
[19] Fol 483.

li kienet id-doppju tal-istima li fuqha mxiet l-ewwel Qorti. Illi jekk dan hu veru, jirrendi fix-xejn l-aggravju tal-istess appellat ghax juri li l-fond mhux talli m'ghandux il-potenzjal li jinbiegh bil-prezz iffissat mill-ewwel Qorti, izda talli jista' jinbiegh bid-doppju tal-istess prezz. L-appellant kien stqarr fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti li "Il-prezz reali tad-dar ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, hu kemm hu"[20]. Finalment, din il-Qorti ma tissostitwixxix leggerment d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet verament gravi li joholqu xi ingustizzja bejn il-partijiet. F'dan il-kaz ma giex muri li hemm dawn ir-ragunijiet.

Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi michud.

**Kommunijoni tal-Akkwisti**

**C. Effetti Mobili**

Illi dan l-aggravju huwa maqsum f'erba' partijiet u cioe`:-

i. L-appellant jirrepeti l-aggravju tieghu imsemmi aktar 'il fuq ghar-rigward tal-valur tal-mobbli indikati fil-listi "B", "C", "D" u "E" uniti mas-sentenza appellata u dan stante li skont hu l-Qorti ma setghet qatt taccetta prezzijiet minn wahda mill-partijiet minghajr ma ghamlet kalkolazzjoni tad-deprezzament tal-istess oggetti.

Illi a skans ta' repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghar-ragunament espost aktar 'il fuq fir-rigward tal-proprjeta` parafernali. Filwaqt li huwa minnu li certu mobbli fil-listi indikati jistghu sofrew minn deprezzament, din il-Qorti se toqghod fuq il-valur moghti mill-appellata stante li l-appellant qatt ma kkontradixxa l-istess valuri, anzi fir-rigward tal-valur tal-vettura u tad-dghajsa dawn sahansitra gew valutati inqas minn dawk li vvalutahom l-appellant a fol. 422 tal-process.

Illi l-appellant ihossu aggravat ukoll mill-fatt li gie kkundannat ihallas nofs il-valur tal-hwejjeg personali tal-

[20] A fol 626.

attrici indikati f'Lista "B" unita mas-sentenza appellata stante li kienet l-istess appellata li halliethom fid-dar li l-ġenituri taghha kienu ikkoncedewlhom biex jabitaw fiha, liema affarijiet l-appellant halla warajh meta vvaka mill-istess fond. Illi fil-kors tax-xhieda l-appellata spjegat kif wara hafna inkwiet bejnha u bejn zewgha, hija telqet definittivament mill-imsemmi fond fis-26 ta' Lulju 1990 u hemmhekk halliet il-maggorparti tal-hwejjeg personali taghha. Da parti tieghu l-appellant baqa' joqghod fl-istess fond li kien misluf minn missier l-attrici ghal cirka sena ohra.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-aggravju. Wara li l-appellant telaq minn dan il-fond, l-appellata ma kellha l-ebda ostakolu li tmur ghall-istess hwejjeg. Fil-verita` lanqas jirrizulta li kellha xi ostakolu qabel, ghalkemm kif ammess anke mill-istess appellant huwa kien esiga li jigu elenkati l-hwejjeg personali li l-appellata hadet fil-mument u wara li telqet mill-istess fond.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-ewwel Qorti illi l-appellant ghandu jhallas nofs l-ammont indikat fil-Lista B ghar-raguni appena espressa u wkoll ghar-raguni illi l-appellata ma gabet l-ebda prova illi l-istess effetti personali fil-verita` baqghu effettivament fil-pussess tal-appellant.

Ghaldaqstant dan l-ilment qieghed jigi milqugh.

ii. L-appellant jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti ordnatlu jhallas lill-appellata s-somma ta' €26,089 bhala prezz tal-vettura, dghajsa, sufan u accessorji tal-kamra tal-banju meta fil-fatt huwa kellu nofshom. Illi l-appellata ma kkumentat bl-ebda mod fuq dan l-aggravju. Illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-aggravju ghaliex l-ewwel Qorti naqset li tiddividi l-valur moghti mill-appellanti ghall-istess oggetti. Inoltre din il-Qorti ghandha tifhem illi t-tlett settjiet tal-banju, inkluz il-madum, gew imwahhla fid-dar tal-Wardija u ghaldaqstant ma jistghux jigu assenjati kif inhuma lill-appellant. Ghaldaqstant l-ammont ta'

€13,976.24[21] ghandu jitnaqqas minn tali lista biex b'hekk filwaqt li l-appellant jigi assenjat il-vettura, d-dghajsa u s-sett tas-sufan, huwa jaghti lill-appellata nofs il-valur tal-istess u cioe` s-somma ta' €6056.37.

Ghalhekk dan l-ilment qieghed jigi milqugh.

iii. Illi l-appellant hassu wkoll aggravat ghaliex l-ewwel Qorti ordnatlu jghaddi l-valur tal-accessorji tal-kamra tal-banju meta dawn kienu insterqu meta l-esponent kien imsiefer u kienet l-istess attrici jew missierha li ghamlu rapport lill-Pulizija. Il-Qorti ma rriskontratx fattwalment dak allegat mill-appellant u ghaldaqstant fin-nuqqas ta' prova li ssostni dak allegat minnu, din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward u ghalhekk l-istess ilment qieghed jigi michud billi hu konsistenti ma' dak appena deciz fil-paragrafu (ii).

iv. Illi l-appellant jilmenta wkoll illi l-appellata ma esebietx il-lista tar-rigali tat-tieg li kienu inghataw lill-partijiet. Filwaqt li huwa veru li sal-gurnata tal-prezentata ta' dan l-appell, l-appellata kienet ghadha ma pprezentatx il-lista rikjesta mill-ewwel Qorti, sussegwentement, u cioe` fid-29 ta' Novembru, 2010, l-appellata esebiet tali lista a fol 663 u ghalhekk din il-Qorti m'hijiex se tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

## D. Self ta' Lm57,700

Illi fir-rigward tas-self ta' Lm57,700 li l-ewwel Qorti qieset li dan ma jiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-appellant jilmenta illi l-istess Qorti ma applikatx tajjeb il-ligi ezistenti fiz-zmien meta l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg u meta huma sseparaw *de facto*, avvenimenti li sehhew kollha qabel l-1993. Ghalhekk hu jikkontendi li s-self kollu li huwa ha f'dak iz-zmien kien jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti stante li ma kienx hemm bzonn li l-appellata tkun konsapevoli li tali self kien se jittiehed. L-appellata, da

[21] Fol 486.

parti taghha, tirrileva illi d-dejn in kwistjoni sar wara l-bidla fil-ligi, u li l-ligi qabel ma giet emendata fl-1993 ma kinitx tippermetti lil xi hadd jipprova jghabbiha, minn wara daharha, bi djun privati u forsi anke fittizji ma' membri tal-familja tieghu biex imbaghad igieghelha thallas nofshom.

L-appellant isostni li dan is-self hu gej minn numru ta' skritturi privati li pero` l-Qorti tirrileva li qatt ma gew esebiti f'dawn il-proceduri. L-attrici saret taf bihom waqt trattattivi ghas-separazzjoni bonarja.

Il-Qorti tirrileva illi ghalkemm il-Perit Komputista Alfred Mifsud kien talab lill-appellant sabiex jissostanzja tali self, l-istess appellant baqa' inadempjenti. Ghalkemm l-appellant jghid li dawn il-flus marru biex jithallsu ghal spejjez pendenti relatati ma' l-istess dar, m'hemm l-ebda prova in atti, bhal perezempju ricevuti da parti ta' nies li hadmu fl-istess fond, li l-istess flus marru biex jithallsu tali spejjez.

Ghaldaqstant din il-Qorti, fin-nuqqas ta' provi konkreti dwar id-destinazzjoni ta' tali sommom, ma tistax hlief tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fir-rigward ta' dan id-dejn.

Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi michud.

**E. Djun Kanonizzati b'Sentenza**

Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellant jattakka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn akkollatu b'diversi debiti li gew kanonizzati permezz ta' decizjonijiet ta' dawn il-Qrati, stante li fl-opinjoni tal-istess Qorti ma kinux jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Id-djun kontestati huma s-segwenti:-

i. Dejn ta' €18,525 dovut lill-Bank of Valletta kanonizzat b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tas-17 ta' Frar 1995 fl-ismijiet "Rudolph Xuereb noe –vs– Ernest Cilia"[22]. Illi mix-xhieda ta' John Cassar Torreggiani, bhala

[22] Esebita a fol. 433 et seq.

rapprezentant tal-Bank of Valletta plc, jirrizulta illi l-facilita` ta' *overdraft* moghtija lill-appellant kienet tirrisali ghall-1985. Jirrizulta pero li fis-17 ta' Lulju 1987, u cioe` d-data taz-zwieg bejn il-kontendenti, il-bilanc ta' din l-*overdraft* kien ta' Lm467. Ir-rimanenti fondi reklamati mill-istess Bank inghataw bejn wiehed u iehor fl-1989.[23] Illi ghalhekk l-*overdraft* mehud f'dan il-perjodu ghandu jigi kkunsidrat bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellant qieghed jippretendi li l-appellata ghandha tigi kundannata thallas nofs is-somma ta' €20,708 li huwa hallas *pendente lite*. Illi ma jidhirx li huwa kontestat da parti tal-attrici li effettivament dan il-hlas sar. L-unika argument li bih l-appellata tikkontesta dan l-aggravju hu li dan id-dejn ma jiffformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti, fatt li din il-Qorti diga` ppronunzjat ruhha fuqu. Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant huwa gustifikat f'dan l-aggravju u tiddikjara li l-appellata ghandha tghaddi s-somma ta' €10,354.06 lill-appellant stante li l-istess fondi marru ghal xoghlijiet fid-dar matrimonjali kif anke jirrizulta mis-sentenza "Rudolph Xuereb noe –vs– Ernest Cilia" fuq citata.

ii. Dejn ta' €23,294 dovuti lil Carmelo u Theresa konjugi Micallef kanonizzat b'sentenza tal-prim' awla tal-Qorti Civili datata fil-31 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet "Carmelo Micallef et –vs– Ernest Cilia et"[24]. Illi skont sentenza esebita a fol. 508 fl-ismijiet "Noelle Spiteri –vs– Ernest Cilia u Carmelo Micallef" datata wkoll 31 ta' Mejju 2004, l-appellata kienet ittentat kawza biex jigi dikjarat illi l-iskrittura privata fejn l-appellant deher li qieghed jissellef is-somma ta' Lm10,000 minghand Micallef tigi dikjarata bhala wahda simulata. Madankollu din il-kawza giet deciza kontra l-istess appellata b'dana illi dik il-Qorti halliet impregudikata l-kwistjoni jekk tali debitu kienx jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti jew le. Illi dan is-self diga` gie trattat aktar 'il fuq fis-sezzjoni D ta' din is-sentenza u ghalhekk a skans ta' repetizzjoni qeghdha ssir referenza

[23] Ara xhieda ta' John Cassar Torreggiani a fol. 227
[24] Esebita a fol. 497 et seq.

ghall-istess. Illi l-appellant kellu kull opportunita` biex jikkonvinci lill-Perit komputista illi l-imsemmi self mar a beneficcju tal-komunjoni tal-akkwisti, haga li qatt ma ghamel u ghalhekk ma jistax issa jippretendi li minghajr ebda raguni valida fil-ligi, din il-Qorti tiskarta l-istess perizja semplicement fuq il-kelma tieghu.

iii. Dejn ta' €24,973.17 dovuti lill-Lombard Bank kanonizzat b'sentenza datata 2 ta' Lulju 1993 u li giet reza esegwibbli mill-gdid permezz ta' sentenza ohra tad-9 ta' Lulju 2009.[25] L-appellant isostni li dan id-debitu ghandu jidhol fil-massa tal-komunjoni tal-akkwisti. Madankollu din il-Qorti tosserva illi, kuntrarjament ghad-djun l-ohra relatati ma' facilitajiet moghtija mill-Banek, il-konvenut ma pprezentax is-sentenza li biha l-Bank ikkanonizza l-kreditu tieghu. Madankollu jidher li l-partijiet jaqblu li dan is-self kien sar biex tinxtara bicca art gewwa Hal-Qormi li sussegwentement giet mibjugha mill-istess appellant. Jidher pero` illi l-appellant inkassa r-rikavat tal-bejgh u halla skopert l-imsemmi self. Ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha illi anke jekk dan kien dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti, l-istess dejn ghandu jassumih l-appellant stante li r-rikavat tal-bejgh ibbenefika minnu hu biss.

iv. Dejn ta' €1,492.18c dovut lill-HSBC Bank (Malta) plc, li l-ewwel Qorti erronjament indikat bhala dovut lill-Bank of Valletta, kanonizzat b'sentenza tal-prim' awla tal-Qorti Civili datata 4 ta' Ottubru 1992 fl-ismijiet "PL Adrian Borg noe – Noelle Cilia"[26] Illi l-aggravju tal-appellant fir-rigward ta' dan is-self huwa fuq il-fatt illi *pendente lite* huwa hallas wahdu s-somma ta' €2271.14 u ghalhekk billi l-ewwel Qorti ddecidiet li dan kien dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti, huwa ghandu jigi rifuz nofs il-pagamenti li huwa ghamel.

[25] Esebita a fol. 630 et seq.
[26] Esebita a fol. 439 et seq.

L-appellata tikkontesta dan l-aggravju fis-sens illi l-pagamenti li l-appellant ghamel ma kinux fir-rigward tad-dejn ta’ €1492.18 izda kienu jirrigwardaw self iehor li kellu l-appellant mal-istess Bank. Illi z-zewg partijiet jaghmlu referenza ghax-xhieda li ta l-PL Adrian Borg bhala rapprezentant tal-Mid-Med Bank tal-25 ta’ April 1995 u li tinsab riportata a fol. 226 tal-process, li minnha jigbdu konkluzjonijiet konfliggenti. Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, ix-xhieda tal-PL Adrian Borg taghti konfort lit-tezi tal-appellata billi li l-istess xhud jirrileva li l-appellant kien hallas is-somma ta’ Lm975 fir-rigward ta’ xi bilanci li kellu fuq *credit cards* u mhux fuq *overdraft account.*

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-pagamenti ta’ €2271.14 (Lm975) imsemmija mill-appellant ma kinux jirrelataw ghas-self ta’ €1,492.18 li gie kanonizzat permezz tas-sentenza tal-4 ta’ Ottubru 1992, izda tali pagamenti kienu jirrelataw ghal debitu li kellu fuq *Euro Card* tal-istess Bank, u ghalhekk ma jistax jippretendi li l-appellata thallas nofshom meta m’hemm l-ebda prova li hi jew il-komunjoni tal-akkwisti bbenefikaw b’xi mod mill-istess fondi.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghdha tvarja s-sentenza appellata bil-mod segwenti u cioe` billi filwaqt li tikkonferma is-sezzjoni intestata “Dar Matrimonjali”, tvarja s-sezzjoni intestata “Komunjoni tal-Akkwisti” kif gej:

i. Tiddikjara li l-appellant mhux obbligat jirritorna nofs l-oggetti indikati fil-lista “B” unita mas-sentenza u ghalhekk mhux obbligat li fin-nuqqas li jirritornahom ihallas nofs il-valur taghhom lill-appellata;

ii. Tiddikjara illi filwaqt li tikkonferma illi l-karozza, d-dghajsa u s-sett ta’ sufan kif elenkati fil-lista “E” jigu assenjati lill-appellant, tordna lill-istess appellant ihallas lill-appellata is-somma ta’ €6056.37 biss rapprezentanti nofs il-valur tal-istess oggetti;

iii. Tordna lill-appellata tirrifondi lill-appellant is-somma ta' €10,354.06 rapprezentanti pagamenti li huwa ghamel fuq self minghand il-Bank of Valletta plc stante li l-istess fondi marru ghal xoghlijiet fid-dar matrimonjali.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti taghmel riferenza ghar-risposta tat-28 ta' Dicembru 2010 ta' Noelle Cali ghall-appell ta' Ernest Cilia u ghall-osservazzjonijiet taghha fil-paragrafu enumerat 1 fl-istess nota dwar il-mod kif Ernest Cilia gie ammess ghall-ghajnuna legali li jaghti x'jifhem li saru xi abbuzi mill-istess Ernest Cilia u billi l-Qorti hi tal-fehma li tali suspett ta' abbuzi ghandu jigi investigat, tordna li kopja tar-risposta msemmija tat-28 ta' Dicembru 2010 tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal kull indagni opportuna.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------